MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1795/2005

**Joseph Buhagiar I.D. No. 921145M**

**Vs**

**Alfred Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta’ Ottubru, 2005, li permezz tieghu l-attur talab lil dan t-Tribunal joghogbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta’ elf u mitt Lira Maltin (Lm1,100) jew somma ohra verjuri rapprezentanti kumpens ghal servigi rezi mill-attur lill-konvenut fil-bejgh u trasferiment tal-fond ‘Le Champignon’, Triq is-Sur, Fgura propjeta` tal-istess konvenut, lil terzi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-konvenuti minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tal-11 ta' Novembru 2005, fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma rrenda ebda servigi lill-konvenut in konnessjoni mal-bejgh u trasferiment tal-fond in kwistjoni. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi fondamentali hija x-xhieda tal-konvenut (7.05.07) meta jghid –

"*Jien nikkonferma illi dan Mangion, meta gie jkellimni meta kont qed nahsel il-karozza, gie <u>bl-istess pjanta</u> illi jiena kont hallejt ma' Buhagiar. Nikkonferma illi dan Mangion <u>kien gharrafni li kien Buhagiar</u> li kien ghaddilu l-pjanta u <u>li kien baghtu biex ikellimni</u> fuq din il-propjeta`. Di fatti fuq l-istess pjanta <u>kien hemm anke l-prezz illi kont qed nitlob</u> jien bil-handwriting ta' Claude Buhagiar. Nista` naqbel illi fil-fatt dan Mangion sabni u kellimni fuq din il-propjeta` il-<u>ghaliex mibghut jaghmel hekk minn Buhagiar</u>. Fil-fatt Mangion sussegwentement xtara. …….Nikkonferma illi jiena kont li oggezzjonajt ghal presenza ta' Buhagiar fuq il-kuntratt, il-ghaliex Mangion ma` oggezzjonax*".[1]

Illi Joseph Mangion xehed (23.02.06) illi kien l-attur li nfurmah bil-post ta' Bugeja u kien tah il-pjanti u d-dettalji sabiex jikkomunika ma' l-istess Bugeja. Jghid wkoll li lil Buhagiar hallsu s-senserija – fil-valur ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500).

Illi min dan kollu allura jirrizulta illi hemm qbil bejn il-partijiet illi :

[1] Sottolinear ghall-emfasi tat-Tribunal

1) L-attur ghadda l-pjanta u ta’ d-dettalji tal-konvenut lil Mangion, bl-intiza illi dan Mangion jinnegozja fuq id-dar illi l-konvenut kellu ghal-bejgh,

2) Illi Mangion hallas Lm500 servigi, allura rrikonoxxa illi kien bl-intervent ta’ l-attur, ftit jew hafna, illi wassal biex xtara.

3) Illi kien il-konvenut illi ma halliex lill-attur jattendi ghall-kuntatt finali.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, ma hemmx dubbju illi senserija <u>mhux</u> dovuta, pero` it-Tribunal jinnota illi t-talba postulata fl-Avviz hija ghal “kumpens ghal servigi rezi”.

Dwar dan, kif id-difensuri abbilment urew fin-noti taghhom – hemm hsibijiet konfliggenti fil-gurisprudenza taghna.

Fil-kawza **Joe Attard vs Anthony Bonanno et** (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (PS) fid-9 ta’ Frar 2005) Il-Qorti qalet illi

*fil-kazijiet kongruwi meta dan ikun giustifikat fil-fattispecie jista` jkun dovut kumpens li jigi ffissat mil-Qorti arbitrio bono viri, in bazi ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz ghall-opra minnu prestata…..*

L-istess Qorti fl-istess sentenza tissolecita lill-gudikant sabiex jqis

*c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inter alia, fir-regolament tal-kumpens, l-entita` ta’ l-operazzjoni ossija “l-importanza tal-kuntratt li ghalih hadem is-sensar.*

Dan it-Tribunal iqis illi kien importanti ghall-konvenut illi jbiegh il-fond tieghu – tant li hu jghid – “*jiena kont nipprova nsib persuni li setghu kienu interessati fil-propjeta`*”, u jqis wkoll illi l-attur baght persuna wahda, l-ewwel persuna illi verament setghet kienet interessata – tant li n-negozju bejn Mangion u l-konvenut gie konkluz. Iqis wkoll it-Tribunal illi l-konvenut zamm kollox mistur mill-attur u illi

oggezzjoni ghall-presenza ta’ l-istess attur meta dan mar ghall-kuntratt.

Min dan kollu, it-Tribunal ihoss illi ma` ghandux jakkolja t-talba fl-ammont ta’ elf u mitt Liri Maltin (Lm1100) kif mitlub, imma bbazat fuq dak kollu hawn fuq premess, jiffissa *arbitrio bono viri* s-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500) bhala kumpens ghal servigi rezi mill-attur lill-konvenuti, liema somma ghandha tithallas mill-konvenut u tekwivali anke s-somma li hallas Mangion lill-attur, u liema somma jirrizulta illi l-attur accetta.

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi bili jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500) u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjes u bl-imghax mill-10 ta’ Ottubru 2005 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------